MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 368/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

Marco Risiott

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Marco Risiott ta' karta ta' identita' numru 262764(M), akkuzat talli:

Fit-12 ta' Mejju, 2005 ghall-habta ta' l-10:00 p.m. f'Ta' Xbiex bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq minn go vettura ta' l-ghamla VW Golf bin-numru ROS151, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga

misruqa u l-valur li ma jeccedix l-elf Lira (Lm1000) ghad-dannu ta’ Rosina Fabri minn Ta’ Xbiex.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ billi kisser il-hgiega tal-vettura imsemmija, liema hsara, li tiskorri l-hamsin Lira (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira (Lm500) saret ghad-dannu ta’ l-imsemmija Rosina Fabri;

Sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datat 4 ta’ April 2001 liema sentenza saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw attentat ta’ serq, hsara volontarja u recidiva.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat qeghdha ssibu hati tar-reati dedotti li jirrisultaw ukoll mill-istqarrija tieghu u d-dokumenti esebiti.

Rat l-Artikoli 41, 261(b)(f)(g), 264, 270, 269(g), 278, 279, 325 u 17, 49, 50, u 31 tal-Kap 9. Qieset ic-cirkustanzi u tiddecidi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 oltre li jhallas l-ammont ta’ Lm58 lill-parti leza zmien sa sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------